MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 112/8

**It-Tnejn 15 ta' April 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
Angelo Agius – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

112.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

112.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

112.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

112.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

112.5 Rapporti;

112.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett ta' Parkeġġ fi Triq Ħal-Resqun
f. Xogħlijiet fil-latrina ta' Ġnien Raymond Caruana

112.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

112.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għaxra ta' filgħaxija (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 112.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 112.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva l-minuti nru 110/08 u nru 111/08 nem con.

Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jibgħat notifika lir-residenti kollha bid-dettalji tal-community policing. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar l-oġezzjoni li kellna nippreżentaw fejn bi żvista, il-perit ma kienx bgħat id-dokumenti fil-ħin biex iġu uploaded. Is-Sindku qalet li hi nfurmat lic-CEO tal-PA sabiex taċċetta l-oġezzjoni tal-Kunsill imma din ma ġiex aċċettata. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill ikun preżenti waqt is-seduta.

**112.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

112.3.1 Ġiet preżentata talba tal-librara dwar xiri ta' kotba għal librerija. Il-Kunsill approva li jixtri l-kotba proposti li jammontaw għal madwar 1,500Euro.

112.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar il-ġita ta' Sqallija li ser isir fil-11 ta' Mejju 2024.

112.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kien xehed wara li ġie nfurmat mill-avukat tal-sidien tal-propjeta'. Il-Kunsill sab notifika fuq is-sit tal-Qorti li l-Kunsill huwa kjamat in kawża. Sa llum il-Kunsill għadu ma ġiex nnotifikat.

112.3.4 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbagħtet mill-ispiżerija ta' Vjal it-Torri, fejn ntlabet biex isir reserved parking fuq in-naħa ta' wara tal-ispiżerija jew fi Triq il-Ħofra. Il-Kunsill ma jsibx oġezzjoni biex dan isir imma wieħed irid jara kif dik il-binja li ser tinbena kif ha taffetwa dik iż-żona.

112.3.5 Preżentata talba sabiex isir un/loading bay fi Triq il-Ħofra. Din it-talba saret mill-ħanut tal-pet grooming. Dwar dan il-Kunsill qabel li japplika ma' TM.

112.3.6 Ġiet preżentata talba sabiex isiru ammont ta' sleeping policemen fi Triq Santa Marija. Dwar dan il-Kunsill ma sabx oġezzjoni biex jintalab il-permess ta' TM biex dawn jiġu nstallati.

112.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar football tournament li ser jiġi organizzat mir-Reġjun Nofsinhar nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2024. Is-Sindku żiedet tgħid li minħabba li fil-lokalita tal-Gudja m'għandniex nursery, il-Kunsill ser ikun qed jara li jipparteċipa bit-tfal li jattendu l-futbol. Sar ukoll komunikat ma' żewġ skejjel fil-lokalita.

112.3.8 Ġiet moqrija ittra li ntbgħatet mingħand IM dwar il-pjan ta' ħidma ta' xogħlijiet li ser ikunu qegħdin isiru fit-toroq tal-Gudja. It-toroq li ser ikunu qegħdin isiru huma parti minn Triq il-Lewż, Triq San Ċiru u parti minn Dawret il-Gudja (service road).

112.3.9 Ġiet preżentata korrispondenza mibugħta minn TM dwar il-post indikat mill-Kunsill dwar fejn ser titpoġġa l-magna tal-BCRS. TM ma laqetx it-talba tal-Kunsill u talbet sabiex il-Kunsill isib post ieħor alternattiv. Wara diskussjoni ġew identifikati żewġ postijiet oħra fi Triq Bir Miftuħ u fejn il-ground tal-football.

112.3.10 Ġiet moqrija korrispondenza dwar talba sabiex Triq il-Mitħna ssir one way tkompli ma' Triq l-Awrekarja. Il-Kunsillier S Caruana propona li jsir traffic assessement minn naħa ta' TM fuq dawn it-toroq.

112.3.11 Saret referenza għal problema tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalita tal-Gudja, fejn is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kien bgħat lid-Direttorat kkonċernat u gejna nfurmati li d-Direttorat m'għandux linji gwida f'dan ir-rigwaard iżda meta d-Direttorat jirċievi lmenti, dawn jiġu nvestigati u jittieħdu l-passi neċessarji kif meħtieġ skont il-każ u kif tippermetti l-liġi.

112.3.12 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar aġir li sar minn persuna li ser tikkontesta għal elezzjoni tal-Kunsill Lokali, fejn din il-persuna ngħatat żebgħa mill-Kunsill biex jitneħħa double yelllow lines fi Triq Bettina fejn l-iskola tas-sorijiet. Din iż-żebgħa ngħatat mill-Contract Manager tal-Kunsill u s-Sindku qalet li dan l-aġir mhux inaċċetabbli u li hi kienet kellmet liż-żewġ persuni. Is-Sindku żiedet tgħid li l-ordnijiet ta' xogħol jittieħdu mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li jkun hemm diskussjoni mall-membri tal-Kunsill.

**112.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm.

112.5 Rapporti;

Ma kienx hemm.

112.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress

c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress

Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja

d. Proġett tal-Pjazza – progress

e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

f. Xogħlijiet fil-latrina ta' Ġnien Raymond Caruana

112.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-pagamenti nru 60/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mil-Kunsillier A Agius u sekondata mill-Kunsilliera A Amri Brincat għall-ammont totali ta' €63,404.46 u ġiet approvata nem con.

112.8 Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u għoxrin ta' filgħaxija (6:20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tnejn 29 ta' April 2024 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 27 ta' Mejju 2024

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Masceña
Segretarju Eżekuttiv